Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,454, 13 ta' Ġunju, 2025
Taqsima B

A.L. 104 tal-2025

ATT DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL
(KAP. 646)

Regolamenti tal-2025 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Pubblikazzjoni ta' Penali Amministrattivi u ta' Multi ta' Kompromess)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Pubblikazzjoni ta' Penali Amministrattivi u ta' Multi ta' Kompromess).

Kap. 646.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jistabbilixxu parametri skont l-artikolu 28(1) tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, għal pubblikazzjoni ta' penali amministrattivi li jkunu ġew determinati finalment u multi ta' kompromess li jkunu tħallsu.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 646.

"Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att;

L.S. 646.26.

"penali amministrattiva" tfisser il-penali amministrattiva maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att u b'mod partikolari tar-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Proċeduri fir-rigward tal-Ħruġ ta' Penali Amministrattivi);

"multa ta' kompromess" tfisser il-multa ta' kompromess maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att u b'mod partikolari skont il-proċedura speċjali ta' kompromess stipulata fl-artikolu 27 tal-Att.

Parametri għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata ma' penali amministrattivi li jkunu ġew determinati b'mod finali u multi ta' kompromess li jkunu tħallsu.

3. (1) Informazzjoni relatata ma' kwalunkwe penali amministrattiva li tkun ġiet determinata b'mod finali u kwalunkwe multa ta' kompromess li tkun ġiet imħallsa għas-saldu b'rabta ma' inċident uniku għal ammont li jeċċedi ħamest elef euro (€5,000), għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità skont l-artikolu 28(1) tal-Att, u tali pubblikazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-artikolu 28(3) tal-Att.

(2) Informazzjoni relatata ma' kwalunkwe penali amministrattiva li tkun ġiet determinata b'mod finali u kwalunkwe multa ta' kompromess li tkun ġiet imħallsa għas-saldu b'rabta ma' inċident uniku għal ammont li ma jeċċedix ħamest elef euro (€5,000), għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità skont l-artikolu 28(1) tal-Att, u tali pubblikazzjoni għandha tinkludi biss sommarju tal-ksur jew tar-reat imwettaq, u għandha tiġi ppubblikata fuq bażi anonima:

Iżda jekk matul il-perjodu li fih tiġi ppubblikata informazzjoni relatata ma' penali amministrattiva jew inkella multa ta' kompromess skont is-subregolament (1), jew inkella skont is-subregolament (2) b'mod anonimu, persuna tkun saret responsabbli li tħallas penali amministrattiva oħra abbażi ta' determinazzjoni b'mod finali jew inkella tkun ħallset multa oħra ta' kompromess, tali pubblikazzjoni sussegwenti ma għandhiex tkun fuq bażi anonima u d-dettalji kollha skont l-artikolu 28(3) tal-Att għandhom jiġu ppubblikati għall-perjodu speċifikat skont is-subregolament (3).

(3) Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata ma' penali amministrattivi li jkunu ġew determinati b'mod finali u multi ta' kompromess li jkunu tħallsu għandha tibqa' aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità għal perjodu ta' sitt (6) xhur mid-data tad-determinazzjoni b'mod finali jew tal-ħlas.